MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 947/1994/1

**Carmelo sive Charles Wismayer ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Wisco International Ltd**
**Vs**
**Mamon Mahmoud Hayatila**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-konvenut akkwista, b'titolu ta' kera minghand l-attur nomine, l-fond 36C, St. Julians Bay Court, Old College Street, Sliema, bl-ghamara u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet miftehma u stipulati fil-kuntratt iffirmat fil-11 ta' Dicembru 1992 (Dokument 'A').

Peress illi dan l-istess fond, flimkien ma' l-ghamara li hemm fih, gie mikri lill-konvenut fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u f'kundizzjoni tajba.

Peress illi l-konvenut, kemm dam fil-pussess tal-fond, arreka hsarat fl-istess fond u fl-oggetti mobbli kemm kontenuti u lilu mikrija, u dana kollu ghad-dannu u spejjez tal-attur nomine.

Peress illi l-konvenut ghamel uzu mis-servizzi ta' dawl u ilma fl-istess fond matul il-perijodu illi fih dan il-fond kien okkupat minnhu, izda ma hallasx il-kontijiet relattivi ghall-kiri u konsum ta' dawn is-servizzi.

U peress illi ghalhekk l-konvenut jinsab debitur tal-attur nomine fis-somma ta' mitejn u sittin lira Maltin (Lm260), ammont dovut rapprezentanti arretrati ta' kontijiet ta' servizzi ta' dawl u ilma u danni sofferti mill-attur nomine kif fuq spjegat, kif jidher mill-prospett dettaljat anness bhala Dokument 'B'.
U peress illi, nonostante interpellat sabiex ihallas l-ammont minnhu dovut, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida skond il-ligi.

Ghaldaqstant, ighid il-konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-hsarat kollha kkawzati fil-fond u fl-ghamara lilu mikrijin mill-attur nomine, u tad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attur nomine;

2. tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u sittin lira Maltin (Lm260), jew somma ohra verjuri lli tigi llikwidata minn dina l-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u rapprezentanti l-arretratit ta' kontijiet kollha relattivi ghall-konsum u kera tas-servizzi ta' dawl u ilma u l-valur tad-danni kkagunati mill-istess konvenut u sofferti mill-attur nomine, kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar kontra Persuna numru 1322/94, u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-5 ta' Lulju 1994 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. illi m'huwiex minnu illi l-esponenti ghamel xi hsarat fil-fond u fl-ghamara lilu mikrija mill-attur nomine kif ser ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. illi l-anqas huwa minnu li l-esponenti ghandu jaghti l-ammont ta'mitejn u sittin lira Maltin (Lm260) lis-socjeta' attrici kif pretiz.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;
Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-AIC David Pace minnu debitament mahlufa fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2004;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni tal-attur tikkonsisti fil-kundanna tal-konvenut hal-hlas tas-somma ta' Lm260 rapprezentanti hsarat f' oggetti mobbli u konsum tad-dawl u ilma, rigwardanti il-fond numru 36C St.Julians Bay Court, Old College Street, Sliema mikri lilu skond skrittura datat 11 ta' Dicembru 1992 [Dok.A – Fol.6], liema kirja kienet testendi mit-3 ta' Dicembru 1992 sat-3 ta' Dicembru 1993.
Illi mill-provi rrizulta sodisfacentement, kif spjegat ukoll dettaljatament mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu, illi matul iz-zmien li l-konvenut dam jokkupa l-fond de quo huwa kkaguna "hsarat diversi partikolarment fil-bank tal-kcina, fit-tlett bibien u erbat ikxaxen ilkoll mill-ghamara ta' l-istess krinca u hsara fil-fridge" li l-ispiza mehtiega ghat-tiswija giet evalwata mill-perit fl-ammont ta' Lm150. Irrizulta wkoll provat, li kien hemm hsara fil-bjankerija li kienet tirrikjedi spiza ta' Lm32.75, oltre Lm10 ohra biex jitnaddaf il-post. Ma' dawn l-ispejjez ghandu jizdied l-

ammont ta’ Lm67.25 konsum tad-dawl u ilma li, ghalkemm fit-termini tal-klawsola numru.2 tal-ftehim ta’ lokazzjoni kien a kariku tal-konvenut, dana baqa’ inadempjenti f’dan ir-rigward - B’ kollox Lm260.

Illi l-Qorti tirrileva li, ghalkemm mill-iskrittura jidher li l-konvenut kien hallas is-somma ta’ Lm40 bhala *general deposit* ma ngabu ebda provi ulterjuri f’ dan ir-rigward, b’ mod partikolari dan l-ammont lanqas biss issemma mill-konvenut la fin-nota tal-eccezzjonijiet u l-anqas fid-dikjarazjoni guramentata tieghu. Di fatti l-konvenut ma tax ix-xhieda tieghu f’ dan il-kaz, nonostante li kif osserva ben tajjeb il-perit tekniku “il-konvenut kellu opportunita’ aktar minn darba sabiex iressaq provi kontra dak li kien qed jigi allegat, izda dan qatt ma ghamlu” [Fol.76].

In vista tal-premess, u fin-nuqqas ta’ provi kontrastanti, il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici giet sostnuta bil-provi u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa adozzjoni in toto tar-relazzjoni peritali, u previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li ma gewx sostnuti minnu, tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti u tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur nomine is-somma ta’ mitejn u sittin lira maltin [Lm260] bl-imghax legali kif mitlub, u bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------